

— it-TSP huwa, għal kuntrarju ta' dak li huwa stabbilit fil-punt 50 tas-sentenza appellata, obbligat li jeżamina l-eċċezzjoni ta' illegalità kontra r-regola ta' tmien snin, raġuni li kienet ingħatat fil-mument taċ-ċaħda tat-talba għal estensjoni tal-kuntratt bħala aġent temporanju.

(2) It-tieni aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi, billi t-TSP ikkunsidra li l-AATK kienet ħadet id-deċiżjoni kkontestata f'konformità mal-interess tad-dipartiment filwaqt li t-TSP ikkonstata li l-Kummissjoni rrikonoxxiet waqt is-seduta li l-limitazzjonijiet baġitarji biss setgħu jiġu invokati sabiex jimmotivaw l-att ikkontestat fl-ewwel istanza. L-appellanti barra minn hekk issostni li t-TFP naqas milli josserva l-obbligu ta' motivazzjoni u l-obbligu li jeżamina l-ksur kollu tad-drittijiet allegati quddiemu billi ma għamel l-ebda riferiment għall-argument tal-appellanti dwar il-kontradizzjoni bejn ir-raġuni dwar it-tnaqqis ta' postijiet għal raġunijiet baġitarji u l-ftuħ ta' postijiet ġodda bħala aġenti temporanji fil-grad AD9.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Jannar 2013 — Advance Magazine Publishers vs UASI — Montres Tudor (GLAMOUR)

(Kawża T-1/13)

(2013/C 86/29)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Advance Magazine Publishers, Inc. (New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: T. Raab, H. Lauf u V. Ahmann, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Montres Tudor SA (Genève, l-Isvizzera)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla kompletament id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-10 ta' Ottubru 2012, fil-Każ R 0231/2012-2;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-proċeduri u lill-parti l-oħra għall-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "GLAMOUR" — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 9 380 916

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark jew sinjal invokat: ir-reġistrazzjoni internazzjonali b'effett fil-Komunità, "TUDOR GLAMOUR", għal prodotti fil-klassi 14

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqgħa għall-prodotti kollha kkontestati

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Jannar 2013 — Sherwin-Williams Sweden vs UASI — Akzo Nobel Coatings International (ARTI)

(Kawża T-12/13)

(2013/C 86/30)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Sherwin-Williams Sweden AB (Märsta, l-Isvetja) (rappreżentant: L. Ström, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Akzo Nobel Coatings International BV (Arnhem, il-Pajjiżi l-Baxxi)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (trade marks u disinni) Nru R 2085/2011-1, tat-18 ta' Ottubru 2012, (li tikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni Nru B 1 717 142, tad-9 ta' Awwissu 2011);

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva "ARTI" għal prodotti fil-klassi 2 — Reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 9 017 427

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell.

Trade mark jew sinjal invokat: Reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Benelux Nru 753 216 u Reġistrazzjoni tat-trade mark internazzjonali Nru 872 478 tat-trade mark verbali "ARTITUDE" għal prodotti fil-klassi 2

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħa parzjalment

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud.

Motivi invokati: ksur tal-Artikoli 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Jannar 2013 — MasterCard International vs UASI — Nehra (surfpin)

(Kawża T-13/13)

(2013/C 86/31)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: MasterCard International, Inc. (New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: N. Bolter u C. Sawdy, solicitors)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Sheetal Nehra (Londra, ir-Renju Unit)

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni skont l-Artikoli 8(1)(b), 8(4) u 8(5) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja;

— tilqa' l-oppożizzjoni tar-rikorrenti magħmula kontra t-trade mark tal-konvenut kollha kemm hi;

— sussidjarjament, tilqa' l-oppożizzjoni tar-rikorrenti f'dak li jirrigwarda tali servizzi li fir-rigward tagħhom jinstab li teżisti probabbiltà ta' konfużjoni, u/jew tali servizzi fejn jiġi ddeterminat li jeżisti riskju li t-trade mark li għaliha saret applikazzjoni tikseb vantaġġ inġust mill-, jew tkun ta' detriment għall-, karattru distintiv jew reputazzjoni tat-trade mark tar-rikorrenti; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva bil-kuluri blu, iswed u abjad li tinkludi l-element verbali "surfpin" u disinn ta' tliet ċrieki li jiltaqgħu, għal servizzi fil-klassi 36 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 8 368 862

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade marks figurattivi b'kuluri differenti li jinkludu disinn ta' ċrieki li jiltaqgħu, u wħud minnhom l-elementi verbali "MasterCard Worldwide" jew "MasterCard" — Reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 5 198 585, reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 5 198 494, reġistrazzjoni ta' trade mark tar-Renju Unit Nru 2 425 471, reġistrazzjoni ta' trade mark tar-Renju Unit Nru 2 429 669, reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 5 646 261, reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 761 221, reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 5 646 492 u reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 5 646 609 għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 5, 6, 9, 12, 14, 16, 18, 20, 21, 24, 25, 27, 28, 35, 36, 38, 39, 41 u 45

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikoli 8(1)(b), 8(4) u 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Jannar 2013 — Seal Trademarks vs UASI — Exel Composites (XCEL)

(Kawża T-14/13)

(2013/C 86/32)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Seal Trademarks Pty Ltd (Queensland, l-Awstralja) (rappreżentant: E. Armijo Chávarri, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Exel Composites Oyj (Mäntyharju, il-Finlandja)

Talbiet

— tannulla id-Deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-11 ta' Ottubru 2012 jew;

— sussidjarjament, temendha sabiex tiġi ssegwi l-paragrafu 52, peress li din tikser l-Artikolu 42(2) u (3) u l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja (fejn tikkundanna b'mod espress lill-UASI għall-ispejjeż).

Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti